

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Midden-Nederland – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Stichting Brein vs Jack Frederik Wullems, li qed jaġixxi taħt l-isem Filmspeler

(Kawża C-527/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettuali u industrijali — Direttiva 2001/29/KE — Armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Artikolu 3(1) — Avviż lill-pubbliku — Kunċett — Bejgħ ta' mediaplayer — Moduli addizzjonali (add-ons) — Pubblikazzjoni ta' xogħlijiet mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur — Aċċess għal siti tal-internet ta' streaming — Artikolu 5(1) u (5) — Dritt ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Użu legali)

(2017/C 195/02)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Midden-Nederland

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stichting Brein

Konvenut: Jack Frederik Wullems, li qed jaġixxi taħt l-isem Filmspeler

Dispożittiv

- 1) Il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-bejgħ ta' mediaplayer, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fuqu ġew installati minn qabel add ons, disponibbli fuq l-internet, li jinkludu hypertext links li jwasslu għal siti tal-internet liberament aċċessibbli għall-pubbliku li fuqhom tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detenturi ta' dan id-dritt.
- 2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) u (5) tad-Direttiva 2001/29 għandhom jiġu interpretati fis-sens li atti ta' riproduzzjoni temporanja, fuq mediaplayer bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur miksub permezz ta' xandir bi streaming fuq sit tal-internet li jappartjeni lil terza persuna li jipproponi dan ix-xogħol mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet iddikjarati fl-imsemmija dispożizzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU C 27, 25.1.2016